TAL-PIETA`

# MINUTI

## It-tmien Legislatura - SEDUTA Nru. 44

It-Tnejn, 28 ta' Novembru, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta`, fil-4.45p.m.

Il-Vici Sindku Anthony Camilleri ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-Vici Sindku Anthony Camilleri u l-Kunsillieri Josef Fitzpatrick, Mark Pisani u Stefano Savo.

Is-Sindku Zoya Attard infurmat li kienet xoghol u ghalhekk giet skuzata.

**TALBA**

Il-Vici Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 43 li saret nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Tressqet quddiem il-Kunsill l-ittra ta' apologija minghand is-Sindku Zoya Attard li nfurmat li kienet xoghol.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* Ma kienx hemm hwejjeg li jirrizultaw mill-minuti.

## 4 MSIDA CREEK PROJECT

*4.1* Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill inghata prezentazzjoni tal-progett mill-Kap Ezekuttiv ta' Infrastructure Malta. Huwa nnota li kien sar hafna tibdil mill-ewwel progett propost u issa huwa hafna aktar attraenti specjalment ukoll ghal fatt li tnehhew il-bridges li kienu ser isiru.

Il-Kunsillier Pisani qal l-mod kif inhu prezentat issa huwa hafna ahjar milli kien propost qabel imma ghad irid jara kif se jkun id-disinn finali.

Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill fuq dak li ghandu bhalissa irid jaqbel jew ma jaqbilx. Jekk ikun hemm xi tibdil, IM ghandha tinforma lill-Kunsill bih u terga' ssir evalwazzjoni dwaru.

Ghalhekk kien hemm qbil mal-progett kif prezentat sa issa u jekk ikun hemm xi tibdil jerga' jitressaq ghad-diskussjoni.

## 5 KORRISPONDENZA

*5.1* Is-Segretarju Ezekuttiv informa li GreenPak kienu baghtu notifikazzjoni lill-Kunsill dwar it-terminazzjoni tas-servizz taghhom u cioe` tas-servizzi tal-gbir tar-riciklagg u gbir tal-hgieg. Dan se jieqaf fl-ahhar tas-sena. Dan is-servizz huwa ppjanat li jibda jsir mir-Regjun mill-bidu tas-sena. Jekk ma jibdiex mal-ewwel, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser ikun qed jaghmel tajjeb ghall-gbir fil-perjodu li jkun ghadu ma bediex il-gbir mir-Regjun.

## 6 MISTOQSIJIET

***6.1*** Il-Kunsillier Savo irrimarka li madwar il-bank li hemm hdejn il-posta fi Triq Telghet Gwardamanga qed issir b'mod kontinwu attivita` illegali li qed iddejjaq lil min jiffrekwenta l-inhawi b'mod partikolari ir-residenti tal-madwar. Ir-residenti ssuggerew ukoll li jinqala' l-bank sabiex ma jservix ta' post fejn ikun aktar facli jiltaqghu in-nies. Hu qal li jaqbel mas-suggeriment tar-residenti li jitnehha l-bank biex, anki forsi b'mod temporanju, ma jibqax post fejn jistghu jiltaqghu grupp ta' nies.

Il-Kunsillier Pisani qal li hemm soluzzjonijiet ohra flok li jinqala l-bank bhal per ezempju aktar sorveljanza. Huwa qal li ghalfejn ghandu jinqala' l-bank u ma jkunx jista' jintuza minn min irid juzah sew.

Il-Kunsillier Savo qal li r-residenti tal-inhawi mdejqin bih hemm u l-Kunsill irid jara x'inhi x-xewqa tar-residenti. Huwa qal li anki jista' jinqala' temporanjament sakemm naraw kif inhi s-sitwazzjoni.

Finalment kien hemm qbil li dan jinqala' temporanjament u naraw kif tkun is-sitwazzjoni aktar 'il quddiem.

***6.2*** Il-Kunsillier Pisani irrimarka li fi Triq San Guzepp vicin Triq Hookham hemm bozza li qed tixghel izda turi dawl baxx. Huwa gibed ukoll l-attenzjoni li fi Pjazza San Luqa hemm xi bozoz taz-zebra crossing maqtughin.

***6.3`*** Il-Kunsillier Pisani talab biex jitnaddaf sprall tal-ilma fil-Pjazza ta' quddiem l-Ursolini. Huwa informa wkoll li l-kuntrattur li qed jahdem f'Telghet Gwardamanga, quddiem il-Jokate, halla l-bankina kollha kisi. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill kien se jara dawn fil-granet li gejjin.

***6.4*** Il-Kunsillier Pisani staqsa jekk jistax jinxtara trimmer ghall-haddiema sabiex jintuza ghaz-zbir tal-arbuxelli fil-pjazez. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li jkun tajjeb jekk jinxtara wiehed. Kien hemm qbil li dan jinxtara.

***6.5*** Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni wkoll sabiex jitnaddaf l-isprall li hemm fil-parking ta' Pjazza San Luqa hdejn Fino Ferramenta. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan isir fil-granet li gejjin.

## 7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***7.1*** Ma kienx hemm Komunikazzjoni tas-Sindku.

## 8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

***8.1*** Il-Vici Sindku ssekondat mill-Kunsillier Savo, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 40. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

***8.2*** Gie approvat il-Performance Bonus ta €350 lil dawn il-haddiema tal-Community Work Scheme: Michael Briffa, Emilio Persiano, Vincent Xuereb, Bessie Parnis, Mario Mifsud, Damian Saliba u Liam Borg.

## 9. TMIEM

***9.1*** Fis-6.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tnejn, 19 ta' Dicembru, 2022, f'12.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Zoya Attard
Sindku